**Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (Citta' Pinto)**

# Rapport Annwali Amministrattiv

**JANNAR - DIĊEMBRU 2019**

## Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **10** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **17** |

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

**Indirizz mis-Sindku**

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, għas-sena 2019, liema sena tibda' mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019, fejn jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul is-sena flimkien ma' proġetti ppjanati għas-sena 2020.

**Ħidma fis- sena 2019**

Is-sena 2019 kienet sena maqsuma bejn żewġ leġislazzjonijiet, peress li kien hemm elezzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-25 ta' Mejju. L-ewwel sitt xhur, kienu it-tmiem tal-leġislatura preċedenti tas-seba' Kunsill u mill-1 ta' Lulju bdiet il-ħidma tal-Kunsill attwali.

Din is-sena kienet ikkaratterizzata b'xogħol fuq proġetti kapitali li kienu approvati mill-amministrazzjoni preċedenti. Matul din is-sena wkoll ġie diskuss u sar pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin.

Il-mira ewlenija tal-Kunsill kienet it-titjib tal-ambjent tal-lokalita' b'mod ġenerali, fejn minkejja d-diffikulatjiet kollha, bdejna ninsistu mal-kuntratturi sabiex tiżdied il-frekwenza u naraw li s-servizzi jingħataw b'mod serju u professjonali. Minkejja l-problema li affaċjana minħabba li kien ġej fi tmiemu l-Kuntratt tal-manutenzzjoni tal-ġonna u spazji miftuħa, xorta ħadna ħsieb li l-ġonna u l-ispazji miftuħa jinżammu fi stat tajjeb ħafna, fejn operajna b'servizz ta' emerġenza.

Matul din is-sena sar tħawwil ta diversi siġar f'diversi ġonna u spazji miftuħa madwar Ħal Qormi b'kollarborazzjoni mal-Infrastructure Malta, saru wkoll xogholijiet ta' zebgha fil-paviment u bankijiet fl-inhawi tal-Blat numru 1 mill-ħaddiema tal-Ministeru ta' Turizmu, kif ukoll diversi xogholijiet ta manutenzzjoni fuq bankijiet ohra madwar il-lokalita mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dan minbarra li l-Kunsill baqa jżomm l-infrastruttura li taqa' taħt ir-responsabbilta' tiegħu fl-aħjar stat possibli, filwaqt li beda studju sabiex jiżviluppa postijiet ta' rikreazzjoni ġodda u issir upgrade ta dawk ezistenti, bil-għan li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti.

Fl-aħħar tas-seba' leġislatura tlestew bosta proġetti, fosthom l-installar ta' fanali ġonna fl-ispazji miftuħa magħrufa ta' Roger Debattista fi Triq il-Ħelsien u fanali ġodda fl-ispazju miftuħ ta' San Ġorġ fl-istess triq.

Fil-bidu ta din il-leġislatura ħdimna biex mill-ewwel tlaqna bil-proġett ewropew ta' Ġnien is-Sajf u xi zoni ta' ħdejn il-flats fl-inħawi ta' Farsina, fejn minkejja d-diffikultajiet li nqalgħu, dan il-proġett tlesta fiż-żmien stipulat. Dan il-proġett kien jikkonsisti minn nstallal ta dwal ġodda, pavimentar gdid u saret ukoll għamara gdida, bħal bankijiet u bramel ta' l-iskart. Ġie nstallat ukoll dawl ġdid fil-ġnien li

hemm ta' Triq Dun Marju. Tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini b'mod partikolar li Triq Aloisio u Triq Ġużeppi Ciappara.

Minbarra l-proġetti nfrastrutturali, kien jeħtieġ li nsaħħu l-amministrazzjoni tal-Kunsill, wara li waħda mill-impjegati tat ir-riżenja tagħha u oħra rtirat bl-eta'. Dan kollu tefa' piż fuq l-istaff tal-uffiċċju u rajna

li nimpjegaw persuni idonji għall-ħidma tal-Kunsill. Investejna f'taħriġ adegwat għall-ħaddiema tagħna, sabiex ix-xogħol ma jaqax lura u jkunu jistgħu jkomplu ittejbu s-servizz tagħhom.

Ħdimna qatigħ fil-qasam edukattiv. Fil-fatt fil-bidu tal-leġislatura, flimkien ma' SkolaSajf saru bosta attivitajiet edukattivi, fosthom sessjonijiet ta' qari, kompetizzjonijiet tat-tpinġija u xi studenti ukoll żaru l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, fejn l-istudenti setgħu jaraw u jifhmu aħjar x'tinvolvi l-ħidma ta' Kunsill Lokali. Barra minhekk bi ftehim ma' Kumpanija privata, ġiet imnedija skema għar-residenti Qriema sabiex dawn jingħataw ċertu servizzi b'xejn relatati mal-*laptops* u *computers* personali tagħhom.

Minħabba l-fatt li l-attivitajiet relatati ma' Jum Ħal Qormi ma setgħux isiru, minħabba l-elezzjonijiet, f'Ottubru ġiet organizzata s-serata Ġieħ Ħal Qormi. Matul din is-serata ġew onorati persuni li bil-ħidma ġenwina tagħhom għamlu isem lil Ħal Qormi. Din is-sena l-Unur Ġieħ Ħal Qormi ġie mogħti lis-Sur Leli Fabri, ex footballer mat-tim nazzjonali Malti.

F'Novembru ġie ċċelebrat il-Jum Dinji tat-Tfal permezz ta' attivita' sportiva, liema attivita' kienet success kbir.

Bdejna bosta laqgħat mal-Awtoritajiet dixxiplinarji tal-pajjiż, fosthom il-Pulizija u LESA fejn iddiskutejna bosta materji mressqa mir-residenti, fosthom iż-żieda ta' *patrols* mill-Pulizija u dixxiplina għas-sewwieqa li ta' kuljum jgħaddu mil-lokalita' tagħna. Irsistejna sabiex isir moniteraġġ u jiġu mħarrka persuni li jarmu l-iskart fit-toroq u widien tagħna.

Bdejna bosta laqgħat ma' Transport Malta u Infrastruttura Malta sabiex naraw li Ħal Qormi jingħata l-attenzjoni meħtieġa, fil-qasam infrastrutturali. Ma jistax ikollna lokalita' li ta' kuljum tilqa' eluf ta' vetturi u ma jkollnix is-sostenn tal-Gvern Ċentrali li jieħu ħsieb l-infrastruttura tat-toroq tagħna.

L-ewwel sitt xhur ta' ħidma kienu ġlieda kontra l-ħin, sabiex infasslu pjan serju u b'hekk ikun possibli li nibdew is-sena b'xogħlijiet b'risq il-komunita' kollha Qormija.

Fil-fatt għas-sena 2020 għandna bosta proġetti pjanati, fosthom restawr ta' monumenti li jinsabu fit-toroq tagħna, bħal l-istatwa ta' San Ġużepp fi Triq il-Vitorja u l-istatwa ta' San Ġorġ fi Triq il-Ħelsien. Se nkomplu naħdmu biex insebbħu u nieħdu ħsieb il-ġonna u lis-spazzji miftuha taghna, bħal il-gnien li hemm fit-triq in-naħal. Bdejna wkoll nagħmlu studju biex inbidlu certu bandli u fejn hu possibli nziedu. Qedghin naħdmu fuq Proġetti ta' bini ta' bankini ġodda fi Triq il-Ħelsien, Triq Alexandra, Triq il-Proża u Triq Belliċ fost oħrajn. Se nkunu qed naraw

li nagħmlu patching estensiv fit-toroq ċentrali tagħna, bħalma huma Triq il-Ħelsien, Triq il-Wied u Triq il-Ħammieri.

Se nkomplu ninvestu fil-libreriji tagħna permezz ta' xiri ta' kotba u tagħmir modern ieħor għall-użu ta' dawk li jżuru l-libreriji tagħna. Rinovar tal-letrini, fosthom dik li tinstab fi Gnien Vjal De La Cruz.

Se naraw li s-servizzi mogħtija mill-Kunsill jissaħħu u se nniedu kampaniji edukattivi favur l-ambjent.

Kif qegħdin taraw il-programm li għandna quddiemna huwa wieħed estensiv, li jirrifletti l-ħolma tagħna li nagħmlu Ħal Qormi l-aħjar u li nħallu lokalita' aqwa milli sibnija .

Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi kunsilliera kollha tal-kooperazzjoni tagħhom u li flimkien qedgħin naħdmu qatigħ għall-ġid tar-residenti kollha.

Intemm billi nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill, kemm dawk li jaħdmu fl-uffiċċju, kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra, tal-ħidma kontinwa tagħhom sabiex jimplimentaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu waqt il-laqgħat tal-Kunsill għal ġid tar-residenti.

Renald Falzon

Sindku

## *2.0 Il-Kunsill*

**2.1 IL-KUNSILL**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, Citta' Pinto, belt b'popolazzjoni ta' madwar 16,800 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita', huwa magħmul minn Ħdax-il Kunsillier, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu Qormi.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-sotto-kumitati mwaqqfa fis-seba' Kunsill, huwa wieħed u għandu dawn il-Kunsilliera bil-karigi u l-funzjonijiet tagħhom:

**KUMITAT FINANZI**
*Chairperson* Renald Falzon
Membri Jerome Caruana Cilia, Marvin Zammit, Segretarju Eżekuttiv, *Accountant* tal-Kunsill.

**<u>Renald Falzon (Sindku)</u>**
Infrastruttura u progetti
Relazzjonijiet Pubblici
Kultura
Publikazzjonijiet tal-Kunsill
Media
Reklamar

**<u>Josef Masini Ventu (Vici Sindku)</u>**
Qasam Socjali
Edukazzjoni
Skejjel
Libreriji
Korsijiet
Kampanji edukattivi

**<u>Donnha Barbara</u>**
Ambjent
Indafa
Inizjattivi u edukazzjoni ambjentali
Studju fuq tniggis
Ghaqdiet Ambjentali
Gonna / Spazzji miftuha / Widien / Kampanja.
Sanita

**<u>Daniel Ablett</u>**
Sports
Attivitajiet
Kampanja Edukattiva favur l-ezercizzju fiziku
Facilitajiet sportivi
Ghaqdiet sportivi

**<u>Marvin Zammit</u>**
Raprezentant Gal Xlokk
Fondi Ewropej
Inizjattivi u servizzi favur il-Kummerc
Inizjattivi favur persuni b'dizabilta
Sotto kumitat – persuni b'dizabilita

**<u>Sean Apap Meli</u>**
Anzjani
Day Care Centre
Infurzar – LESA / Pulizija
Customer Care

**<u>Martina Grech</u>**
Zghazagh u tfal
Relazzjonijiet Internazzjonali
Gemeleggi
Tecknologija u nformattika

**<u>Jerome Caruana Cilia</u>**
Innovazzjoni
Ricerka

**<u>Ralph Puli</u>**
Turizmu
Integrazzjoni socjali

**<u>Charlie Cuschieri</u>**
Harsien ta' l-annimali
Attivitajiet relatati ma' l-animali
Facilitajiet ta' l-annimali
Edukazzjoni relatata ma' l-animali. (Trobbija, drittijiet, rispett)

<u>**George Muscat**</u>
Kommunitajiet.
Progetti relatati ma kommunitajiet.
Fondi relatati ma kommunitajiet

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL (SEBA' LEĠISLATURA)

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Ġunju 2019 fis-seba' legislatura inżammu tminn (8) laqgħat tal-Kunsill, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ralph Puli | 8 | 8 | - | - | 100% |
| 2 | Jesmond Aquilina | 8 | 8 | - | - | 100% |
| 3 | Jerome Caruana Cilia | 8 | 8 | - | - | 100% |
| 4 | Bjorn Azzopardi | 8 | 8 | - | - | 100% |
| 5 | Renald Falzon | 8 | 8 | - | - | 100% |
| 6 | Josef Aquilina | 8 | 7 | 1 | - | 88% |
| 7 | Robert Reno Cremona | 8 | 5 | 1 | 2 | 62% |
| 8 | Martina Brancaleone | 8 | 7 | 1 | - | 88% |
| 9 | Antione Saliba Haig | 8 | 5 | 3 | - | 62% |
| 10 | Marvin Zammit | 8 | 8 | - | - | 100% |
| 11 | Daniel Bugeja | 8 | 6 | 2 | - | 75% |

Bejn l-1 ta' Lulju 2019 u t-31 ta' Diċembru 2019 fis-seba' legislatura inżammu sitt (6) laqgħat tal-Kunsill, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Jerome Caruana Cilia | 6 | 5 | 1 | - | 83% |
| 2 | Renald Falzon | 6 | 6 | - | - | 100% |
| 3 | Ralph Puli | 6 | 5 | 1 | - | 83% |
| 4 | Josef Christian Masini Vento | 6 | 4 | 1 | 1 | 67% |
| 5 | Donnha Barbara | 6 | 4 | 2 | - | 67% |
| 6 | Charlie Cuschieri | 6 | 6 | - | - | 100% |
| 7 | Daniel Ablett | 6 | 6 | - | - | 100% |
| 8 | George Muscat | 6 | 5 | 1 | - | 83% |
| 9 | Marvin Zammit | 6 | 6 | - | - | 100% |
| 10 | Sean Apap Meli | 6 | 6 | - | - | 100% |
| 11 | Martina Grech | 6 | 6 | - | - | 100% |

**Nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill matul din is-sena 2019.**

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta hekk:

| | |
|---|---|
| Karen Camilleri | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Marilyn Gatt Baldacchino: | Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi |
| Bernice Darmanin | Sezzjoni Amministrazzjoni |
| Ritienne Sammut: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet Pubblici |
| Maria Lewis | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet Pubblici (sa Marzu 2019) |
| Nicole Farrugia | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |
| Sebastiana Tanti: | Cleaner |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frankie Agius | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Napoleon Camenzuli | Community Workers Scheme |
| Is-Sur George Azzopardi | Community Workers Scheme |
| Is-Sur Andrew Bugeja | Community Workers Scheme |
| Is-Sur Simon Mifsud | Community Workers Scheme |
| Is-Sjra Doreen Centorino | Community Workers Scheme (sa Ottubru 2019) |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi LLD/Dr Simon Cachia LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit William Lewis A&CE |

Minbarra l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill fuq manutenzjoni, l-Kunsill Lokali għandu żewġ ħaddiema minn din l-iskema li jinsabu assenjati fuq xogħol amministrattiv.

Huwa permezz ta' dan it-*team* ta' ħaddiema kollu li flimkien inbena s-suċċess fil-ħidma kontinwa tagħna u fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk irrid nawgura li din il-ħidma kollha tkompli dejjem tikber aktar fis-snin li ġejjin, sew minħabba li issa drajna naħdmu minn bini u uffiċċini ġodda, li żgur kattru l-ħidma tal-amministrazzjoni kollha mill-kumdita' tal-bini u bini addattat. Inħossni kburi li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

### *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| | € |
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2019 kienet ta': | € 1,287,268 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | € 35,969 |
| | **€ 1,323,237** |
| | |
| **Dħul minn Bye-laws** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 5,900 |
| Bye-Laws - Użu ta' Faċilitajiet | € 2,350 |
| | **€ 8,250** |
| | |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet** | |
| Dħul mill-LES Joint Committee | € 16,253 |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet/ Aministration fees | € 23 |
| | **€ 16,276** |
| | |
| **Interessi** | **€ 62** |
| | |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali** | |
| Servizzi Komunitarji | € 1,367 |
| Sponsorships | € - |
| Dħul Ġenerali | € 55 |
| Dokument/ u *Information Charges* | € 20 |
| Dħul mill-*Media* | € 1,470 |
| Donazzjonijiet | € - |
| Refużjoni | € 143,014 |
| Dħul minn Permessi | € 73,858 |
| | **€ 219,784** |
| | |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2019 kien ta'** | **€ 1,567,609** |

**L-INFIQ**

## Is-Salarji kienu mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku | €18,006 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | €20,217 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | €35,172 |
| Salarji ta' l-impjegati | €127,963 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | €14,535 |
| | **€215,893** |

## Tiswijiet u manutenzjoni

| | |
|---|---|
| Toroq u Bankini | €17,982 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €12,799 |
| Marki tat-traffiku | €11,829 |
| *Office Furniture & Equipment* | €1,239 |
| *Other Repairs & Upkeep* | €7,103 |
| *Propjeta' tal-Kunsill* | €1,015 |
| | **€51,967** |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta'**

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' Skart | €225,277 |
| Waste Disposal | €138,066 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | €12,924 |
| Kiri ta' *Skips* | €861 |
| Knis u tindif ta' Toroq | €79,876 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | €17,952 |
| *Cleaning Public Conveniences* | €14,772 |
| *Cleaning Council Premises* | €109 |
| *Other Contractual Service* | €16,881 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | €125,450 |
| *Street Lighting* | €27,896 |
| *Studies & Consultations* | €4,470 |
| *Local Enforcement Expenses* | €473 |
| | **€665,007** |

| | |
|---|---|
| **Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** | **€716,974** |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | €18,169 |
| Xiri ta' Materjal *(Materials & Supplies)* | €5,688 |
| Kera | €0 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | €786 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | €16,461 |
| Spejjeż ta’ Trasport għall-attivitajiet u xogħol | €5,854 |
| Vjaġġar | €2,416 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | €6,677 |
| *Insurance Cover* | €5,978 |
| *Bank Charges* | €1,815 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | €24,090 |
| *Training* | €5,173 |
| *Other Hospitality Costs* | €1,489 |
| *Social Events* | €55,053 |
| *Cultural Events* | €7,754 |
| *Community Services* | €0 |
| Spejjeż Oħra Inċidentali | €1,237 |
| *Provision for doubtful debts* | -€1,804 |
| *Depreciation* | €257,004 |
| | **€413,840** |

**Interessi fuq self mill-Bank kienu**

| | |
|---|---|
| Interessi fuq self mill-Bank | **€11,931** |

| | |
|---|---|
| **Total** | **€1,142,745** |

**3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

## Edukazzjoni

Matul din is-sena il-Kunsill reġa organizza korsijiet u lezzjonijiet extra kurrikulari li għalihom attendew madwar 200 persuna.

Għal din is-sena skolastika ħsibna li nerġgħu ninkludu korsijiet bħall-litteriżmu fil-Malti u l-ingliż, kif ukoll tal-Bizzilla. Għal din is-sena skolastika wkoll komplejna nsaħħu u noffru firxa usa ta' korsijiet tal-kompjuter fejn reġgħu ġew offruti korsijiet għat-Tfal u l-adulti bħall-*IlearnIT u Robotics.*

Il-Kunsill jinsab f'diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Infrastruttura sabiex isir xogħol ta' rinnovar tal-Librerija Reġjonali.

## Proġetti Infrastrtutturali

Matul din is-sena saru bosta proġetti li kienu ppjanati mis-seba' leġislatura. Fil-fatt tkompla x-xogħol fuq il-bankini fi Triq San Edwardu, Triq iż-Żinżell u Triq il-Ġdida.

Matul ix-xahar ta' Frar, il-Kunsill spiċċa jagħmel bosta xogħlijiet ta' manutenzjoni, minħabba l-maltempata qalila li laqtet il-ġżejjer maltin. Iżda dan kollu ma qatalnix qalbna.

Minkejja kollox, il-Kunsill kompla bix-xogħlijiet fit-toroq rurali, saret manutenzjoni estensiva tal-pavimentar ta' Triq Kan. Dun Ġwakkin Schembri. Ġew installati fanali ġodda fi Triq il-Wied, fis-soft area ta' Roger Debattista u San Ġorġ fi Triq il-Ħelsien.

Malli daħlet fis-seħħ it-tmien leġislatura, beda jsir pjan ta' ħames snin dwar proġetti infrastrutturali.

Fil-fatt il-Kunsill beda l-ħidma tiegħu bix-xogħol relatat mal-proġett ewropew ta' rinnovar ta' Ġnien is-Sajf, tkompla x-xogħol fuq il-bankini, fejn tlesta x-xogħol fi Triq Aloisio u Triq Gużeppi Ciappara.

**Persuni b'Abilitajiet Differenti**

Twaqqaf sotto-kumitat fi ħdan il-Kunsill Lokali sabiex jindirizza bosta fatturi relatati ma' persuni b'abilitajiet differenti. Dan is-sotto kumitat se jkun qed jippreżenta bosta proposti sabiex dawn il-persuni jibqgħu jgħixu fil-komunita' bl-aħjar kumditajiet possibli.

**Ambjent u Ġbir ta' Skart**

Wara li f'Ottubru tal-2018, ġiet imnedija l-Kampanja Sort it Out, il-bidu tas-sena 2019, kienet sfida kontinwa sabiex ir-residenti qriema jidraw l-iskeda l-ġdida ta' ġbir ta'skart, fejn il-ġbir tal-borża s-sewda naqas għal darbtejn fil-ġimgħa. Dan kollu ħoloq sfidi ġodda għall-Kunsill Lokali, fejn mhux biss biex jara li l-kuntrattur qed jagħmel ix-xogħol mistenni minnu bl-aktar mod effiċjenti, iżda kellu jagħmel eżerċizzju sabiex jidentifika u jeduka lil dawk ir-residenti li njuraw kompletament l-avviżi maħruġa mill-Awtoritajiet.

Biss l-ambjent ma jfissirx biss il-ġbir ta' skart u knis ta' toroq. Il-Kunsill jemmen bi sħiħ li l-estetika tat-toroq tagħna għandha tingħata l-importanza mistħoqqa, f'dawn iż-żminijiet. Matul dawn is-snin, Ħal Qormi ħa spinta kbira, fejn jidħol restawr ta' djar u twaqqigħ ta' djar antiki, li ħadu posthom blokki ta' appartamenti kbar u għoljin. Dan kollu juri li Ħal Qormi għadu attraenti sabiex tgħix fih, fejn mhux biss il-qriema għadhom ifittxu li jgħixu f'Ħal Qormi iżda anke barranin.

Biss ma rridux ninsew li Ħal Qormi jinsab imdawwar b'żewġ widien ta' mportanza nazzjonali. Dawn il-widien mhux l-ewwel darba li jispiċċaw fil-mira ta' vandali, li jsibuhom komdi jarmu fihom b'kull xorta ta' skart. Minkejja li l-Kunsill saħħaħ is-servizzi tiegħu, għadek issib minn dawn it-talin, li bla ebda kuxjenza, jarmu kull xorta ta' skart fil-widien sbieħ tagħna.

Iz-Zona ndustrjali f'Tal-Ħandaq, li minkejja li ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali, qed tingħata l-attenzjoni meħtieġa. Il-Kunsill jemmen bi sħiħ li ma jistax ikun li din iz-zona tibqa' sservi ta' miżbla għas-sidien tal-garaxxijiet eżsitenti f'din iz-zona industrijali. Matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill Lokali kien jinsab f'komunikazzjoni kontinwa mal-Malta Industrial Parks, sabiex isir it-tindif meħtieġ f'kull triq li taqa' f'din iz-zona industrijali.

**Wirt Storiku**

Ħal Qormi huwa mogħni bil-wirt storiku u kien għalhekk li matul is-sena 2019, ġie mfassal pjan ta' ħidma għal restawr ta' statwi/niċeċ u monumenti eżistenti fit-toroq tal-lokalita'.

Bdiet ħidma mal-Perit tal-Kunsill Lokali sabiex jiġu ppreparati Restoration Method Statements tal-iStatwa tal-Ġebel ta' San Ġużepp fi Triq il-Vitorja, l-iStatwa ta' San Ġorġ fi Triq il-Ħelsien u n-niċċa tal-Irxoxt fi Triq San Ġwakkin.

**Sports**

Matul is-snin, minkejja l-fatt li kienu jiġu organizzati bosta korsijiet sportivi għall-ħajja attiva, matul l-aħħar snin rajna nuqqas ta' parteċipazzjoni mir-residenti f'dawn il-korsijiet.

Il-Kunsill baqa' jorganizza attivitajiet sportivi mal-għaqdiet sportivi qriema, fosthom tournaments tal-boċċi, hockey u football. Barra minhekk, flimkien mal-Qormi Athletic Club reġa' organizza t-23 edizzjoni tal-Qormi Road Race, fis-7 ta' Ġunju.

**Żgħażagħ/Tfal**

Iż-żgħażagħ u t-tfal dejjem kienu fiċ-ċentru tal-ħidma edukattiva' tal-Kunsill. Fil-fatt il-Kunsill Lokali ħadem qatigħ mal-għaqdiet taż-żgħażagħ, fejn ġew organizzati bosta attivita'. Tkompli l-investiment ta' kotba fil-libreriji pubbliċi kif ukoll ingħataw kotba għal Jum il-Ħiliet, sabiex jippremja lil dawk l-istudenti qriema li spikkaw fis-sens ċiviku.

Għall-ewwel darba, fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal, ġiet organizzata l-attivita' sportiva 'Dinja tat-tfal'. Din l-attivita', li nżammet fiz-zona Ta' Farżina tajna l-opportunita' lit-tfal tagħna jilgħabu logħob tradizzjonali malti, logħob popolari bħal football u basketball kif ukoll logħob ieħor li jinċentiva t-tfal sabiex jaħdmu flimkien bħala team.

**Kultura**

Matul is-sena 2019 ġew organizzati numru ta' attivitajiet kulturali, ħafna minnhom flimkien mal-għaqdiet lokali, bħal kunċerti mużikali, wirjiet u attivitajiet relatati mal-Gimgħa Mqaddsa u l-Milied. Kienet sfortuna li għall-ewwel darba, wara tnax-il sena, ġie deċiż li l-attivita' nazzjonali Lejl f'Casal Fornaro ma ssirx. Kien diżappunt għall-Kunsill Lokali, iżda minħabba restrizzjonijiet finanzjarji kellha tittieħed din id-deċiżjoni.

Għall-ewwel darba ġie organizzat il-Qormi Cheese & Wine Festival, fejn il-Kunsill ingħata madwar €2500 mir-Reġjun Nofsinhar, li għenu fl-organizzar ta' din l-attivita'.

**Finanzjament ta' Inizzjattivi mill-Unjoni Ewropea**

Matul is-sena komplejna bil-proġetti ffinanzjati mill-unjoni ewropea. Fil-fatt fil-bidu tas-sena 2019 rajna tkomplija tal-proġett ta' konkos fit-toroq rurali tal-lokalita, filwaqt li bdejna l-proġett ta' tisbiħ tal-ġnien fi Triq is-Sajf.

**3.3 ORGANIZAZZJONI**

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, bis-Sotto Kumitati. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

**3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI**

**L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV**

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li minn żmien għal żmien jinħarġu, li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

Din is-sena wkoll reġa' kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill. Sfortunatament matul l-ewwel tlett xhur tas-sena, l-uffiċċju spiċċa b'impjegata inqas, meta waħda mill-impjegati tat ir-riżenja tagħha. Dan tefa' piż fuq l-istaff tal-Customer Care, fejn minn tlett impjegati, spiċċa jopera b'żewġ impjegati biss. Dan minbarra l-fatt li kellu jsir tibdil intern sabiex jiġi kopert ix-xogħol li kien isir mill-impjegata li tat ir-riżenja.

L-erba' mpjegati preżenti tal-Kunsill huma ferm flessibbli fix-xogħol tagħhom u dan huwa parti mis-sigriet tas-suċċess li bih qed jiffunzjona l-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-ħidma ta' dan it-team ta' ħaddiema, f'kull livell ta' servizz li jagħtu, huwa ferm għoli u pożittiv, u żgur jinsab fil-quċċata tas-servizz mogħti mill-Kunsilli kollha f'Malta. Għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jaħtar persuna waħda għal kull elfejn u ħames mitt resident, meta r-residenti ta' lokalità jfissru l-istess bħall-popolazzjoni ta' lokalità. (Kap 363, art 53.(1)(a)).

Bil-għajnuna tal-ħidma ta' l-istess impjegati, il-Kunsill illum għandu paġna fuq il-medja soċjali ta' facebook u *site* oħra, li taqa' taħt ir-responsabbilta tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, www.localgovernment.gov.mt, għall-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fejn hemm l-informazzjoni kollha dwar il-Kunsill flimkien mal-Minuti ta' l-istess seduti tal-Kunsill kif ukoll il-Bye-Laws kollha.

Bil-kunċett li l-Kunsill Lokali huwa *One Stop Shop*, għal bosta servizz, bħall-ħlasijiet tal-Local Enforcement System, Liċenzji tal-Ħwienet, Ħlas tal-Kera tal-Propjeta' tal-Gvern, permessi tal-ftuħ ta' wiċċ it-triq, u permessi varji tal-Krejns, tad-Divertiment Pubbliku jew Attivitajiet oħra, ta' użu ta' Skips jew Bins on Wheels, il-kuntatt mal-klijenti/residenti li l-impjegati qed ikollhom ta' kuljum, illum ittrippla u għaldaqstant wieħed ikun korrett jgħid li fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu dan ix-xogħol ma jaqta' xejn, fejn qed jitħalla ftit spazju għal xogħol importanti ieħor amministrattiv li bilfors irid isir. Illum dan is-servizz lir-residenti qed jingħata wkoll tul in-nofs ta' nhar tas-Sibt.

F'dinja fejn id-domanda għal servizz t'eċċellenza qiegħed dejjem jiġi mistenni jeħtieġ li jkollna uffiċċju mgħammar b'sistemi moderni. L-użu ta' sistemi elettroniċi, bħal *e-mails* u l-użu tal-media soċjali, mhux biżżejjed sabiex il-Kunsill ilaħħaq mat-talbiet li ta' kuljum jitressqu mir-residenti. Jeħtieġ li l-Kunsill Lokali jinvesti f'sistemi adegwati għas-sena 2019 u jintroduċi applikazzjonijiet elettroniċi li jkunu user friendly u aċċessibbli minn kulħadd, kemm permezz tal-computer kif ukoll permezz ta' mobile phones.

Minn dejjem kienet tinħass il-ħtieġa li jkollna struttura effiċjenti li biha kull ilment jiġi vverifikat. Minkejja l-fatt li l-Kunsill kien ingaġġa Contract Manager, dan is-servizz ma kienx qed iħalli l-effiċjenza mistennija. Kien għalhekk li dan ix-xogħol beda jsir minn wieħed mill-impjegati assenjati mal-Kunsill, fejn il-job task tiegħu huwa li jdur madwar il-lokalita' u jara li s-servizzi offruti mill-Kunsill qed jingħataw. Wieħed irid jifhem li meta għas-soluzzjoni ta' lment tkun mistennija l-intervent ta' xi entita' jew dipartiment barra mill-Kunsill, l-aġir tal-Uffiċċju tal-Kunsill ikun jikkonsisti billi l-ilment jintbagħat lill-entita' partikolari u jżomm moniteraġġ ta' dak l-ilment. Ħafna drabi, iżda, dan ikun possibbli biss permezz ta' emails u telefonati mill-istess uffiċċju. Iżda meta l-ilment ikun direttament responsabbilta' tal-Kunsill, sakemm ma jkunx jirrigwarda xi kuntrattur partikulari, wieħed irid jinnota li l-Kunsill, minkejja li għandu erba' ħaddiema assenjati miegħu, m'għandux biżżejjed għodda u apparat sabiex isolvu ċertu problemi.

Matul is-snin żdiedu anke s-servizzi ta' moniteraġġ permezz ta' CCTV Cameras f'bosta zoni tal-lokalita, liema servizz jitfa' responsabbilta' ta' attenzjoni kontinwa għal dak kollu li jkun qed jiġri f'dawn iz-zoni. Minkejja li l-filmati jintbagħtu għall-attenzjoni tal-Pulizija u LESA, l-Kunsill qed jiġi mħarrek bħala xhud fil-Qrati tal-Ġustizzja. Dan qed jitfa' piż fuq il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv li jkollha tagħmel ġranet tiela u nieżla l-Qorti.

Sal-lum inħoss li l-Uffiċċju tmexxa bl-aktar mod modern, responsabbli, dixxiplinat fejn l-ewwel qed jingħata każ tar-rispett lejn il-persuna ta' kull impjegat fil-Kunsill, li jrid iħossu apprezzat u responsabbilizzat fix-xogħol ta' kuljum tiegħu. Għaldaqstant impenn qawwi tal-amministrazzjoni tal-Kunsill huwa t-titjib fil-kwalita' tas-servizz mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni, partikolarment kif jiġu ttrattati l-ilmenti li huma ġustifikati, kif ukoll it-tixrid ta' nformazzjoni dwar il-Kunsill.

Is-sezzjoni tar-Relazzjonjiet mal-Klijenti kompliet ittejjeb l-effiċjenza tagħha bl-introduzzjoni tas-sistema eletronika ta' l-irrapurtaġġ ta' l-ilmenti. Din qed twassal biex il-klijenti/residenti tagħna jinqdew aktar malajr jew aħjar ikunu jafu x'azzjoni qed tittieħed dwar l-ilment imressaq, skont kif maħsub fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali – Ilmenti, kif ukoll tippermettilna li nżommuhom kontinwament aġġornati bis-sitwazzjoni li jkun wasal fiha l-ilment tagħhom u fuq kollox sakemm dan jissolva.

Regolarment nippublikaw l-istatistika tal-ilmenti fin-newsletter tal-Kunsill flimkien ma' nformazzjoni oħra utli.

| **ILMENTI matul is-sena 2019** | **Nru** |
|---|---|
| Toroq (Patching) | *56* |
| Manutenzjoni Generali (Haddiema assenjati mal-Kunsill) | *950* |
| Ħmieġ fit-TOROQ (Knis/Qtugħ ta' Ħaxix mit-toroq/Tindif ta' Dustbins/ Ġbir ta' Annimali mejta /Tindif u Tbattil ta' Bring-in-sites/Non Urban/Cleansing Dept., Water Culverts) | *620* |
| Nuqqasijiet fil-Ġbir ta' skart/riċilaġġ | *262* |
| Manutenzjoni ta' Lampi u Belisha Lights(Kuntrattur) | *132* |
| Ġbir ta' skart goff mid-djar | *9770* |
| Kuntratturi tal-Kunsill (Letrini, Sinjali u Marki tat-Traffiku, Minor Works, Contact Manager) | *1620* |
| Konsultazzjoni—(Perit, Avukat) | *143* |
| Environmental Landscaping Consortium | *96* |
| Ministeri (MEDE, MEIB, MSDEC, MTI, Housing Auth, Dipt tal-Artijiet) | *34* |
| Transport Malta (toroq arterjali/distributorji u transport pubbliku, Traffic Lights) | *125* |
| Korporazzjoni Enemalta | *63* |
| Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma | *53* |
| Dipartiment tad-Drenaġġ | *16* |
| Dipartiment tas-Saħħa | *14* |
| Awtorita' tal-Ippjanar (MEPA) | *2* |
| Pulizija/Infurzar Lokali | *360* |
| Depot—Vetturi mitluqin | *200* |
| Nuqqasijiet mir-Residenti | *7* |
| Oħrajn (Kumpaniji Privati ez: Melita Cable/Go plc Maltapost, Animal Welfare, Civil Protection ecc) | *320* |
| **TOTAL** | ***14,843*** |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti jokkupa regolarment tlett impjegati kuljum tal-Kunsill. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw lid-dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti.

Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta u jkollha ssir verifika tar-rapport billi jintbagħat wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jinvestiga.

**IMPJEGATI TAL-KUNSILL**

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Qormi, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Qormi qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Bħas-sena l-oħra erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegata fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li tpoġġew kif ukoll tressqu *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi sejra terġa' tkun fil-ħidma ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' team, għaliex b'team ta' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċert li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

**3.4 KONKLUŻJONI**

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Ħal Qormi għal din is-sena 2019. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħlijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti fl-ewwel sena tas-Seba' leġislatura tal-Kunsill, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**Karen Camilleri**
**Segretarju Eżekuttiv**

***Statement of income and expenditure* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)***

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Revenue | | |
| Funds received from Central Government | 1,287,268 | 1,268,927 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 8,250 | 7,208 |
| Income raised under Local Enforcement System | 16,276 | 21,934 |
| General Income | 220,729 | 94,219 |
| | 1,532,523 | 1,392,288 |
| Expenditure | | |
| Personal Emoluments | -215,893 | -199,393 |
| Operations and maintenance | -717,086 | -649,252 |
| Administration and other expenditure | -414,927 | -1,114,839 |
| | -1,347,906 | -1,963,484 |
| Operating profit / (loss) for the year | 184,617 | -571,196 |
| Finance income | 62 | 137 |
| Finance costs | -11,931 | -4,054 |
| Loss on assets written off | - | -513 |
| Profit / (Loss) for the year | 172,748 | -575,626 |
| Total comprehensive income / (expense) for the year | 172,748 | -575,626 |

***Statement of Financial Position (Siltiet mill-Annual Audited Report)***

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| Non-Current Assets | | |
| Property, plant and equipment | 1,803,167 | 1,958,746 |
| Intangible assets | 689 | 977 |
| | 1,803,856 | 1,959,723 |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | 4,555 | 2,692 |
| Receivables | 724,631 | 465,551 |
| Cash at bank and in hand | 772,699 | 666,001 |
| | 1,501,885 | 1,134,244 |
| Total Assets | 3,305,741 | 3,093,967 |
| **RESERVES** | | |
| Retained earnings | 1,954,836 | 1,782,088 |
| Total Reserves | 1,954,836 | 1,782,088 |
| Non-Current Liabilities | | |
| Long-term borrowings | 151,753 | 193,882 |
| | 151,753 | 193,882 |
| Current Liabilities | | |
| Payables | 1,054,207 | 886,934 |
| Short-term borrowings | 144,945 | 231,063 |
| | 1,198,152 | 1,117,997 |
| Total Liabilities | 1,350,905 | 1,311,879 |
| Total Reserves and Liabilities | 3,305,741 | 3,093,967 |

***Statement of Changes in Equity (Siltiet mill-Annual Audited Report)***

| € | Retained Funds |
|---|---|
| At 1 January 2018 | 2,357,714 |
| Loss for the year | -575,626 |
| Total comprehensive expense for the year | -575,626 |
| At 31 December 2018 | 1,782,088 |
| | |
| At 1 January 2019 | 1,782,088 |
| Profit for the year | 172,748 |
| Total comprehensive income for the year | 172,748 |
| At 31 December 2019 | 1,954,836 |

***Statement of Cash Flow (Siltiet mill-Annual Audited Report)***

| | 2019 | | 2018 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| **Net profit / (loss) for the year** | 172,748 | | -575,626 | |
| Reconciliation to cash generated from operations: | | | | |
| Depreciation and amortisation | 257,004 | | 893,237 | |
| Loss on assets written off | - | | 513 | |
| Movement in provision for doubtful debts | -1,804 | | -5,436 | |
| Interest receivable | -62 | | -137 | |
| Interest payable | 11,931 | | 4,054 | |
| Operating profit before working capital changes | 439,817 | | 316,605 | |
| (Increase) in inventories | -1,863 | | -2,522 | |
| (Increase) / decrease in receivables | -66,241 | | 8,356 | |
| (Increase) / decrease in other receivables | -191,035 | | 13,500 | |
| (Decrease) / increase in payables | -147,415 | | 200,283 | |
| Increase / (decrease) in other payables | 314,687 | | -167,133 | |
| Government grant released | - | | -29230 | |
| Cash generated from operating activities | | 347,950 | | 339,859 |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | 62 | | 137 | |
| Purchase of intangible fixed assets | - | | -1153 | |
| Purchase of property, plant & equipment | -470,225 | | -841,747 | |
| Receipt of grant | 369,089 | | 385,710 | |
| Cash used in investing activities | | -101,074 | | -457,053 |
| **Cash flow from financing activities** | | | | |
| New long term bank borrowings | - | | 198000 | |
| Bank interest paid | -11,931 | | 4,054 | |
| Repayment of short term bank borrowings | -42,651 | | -33,573 | |
| (Decrease) / increase in overdrawn bank current account | -85,596 | | 118,260 | |
| Cash (used in) / generated from financing activities | | -140,178 | | 286,741 |
| **Net increase in cash in the year** | | 106,698 | | 169,547 |
| Cash at bank and in hand at beginning of year | | 666,001 | | 496,454 |
| Cash at bank and in hand at end of year | | 772,699 | | 666,001 |